**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A09-07

1 t'Ottubru 2007

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/09**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ġimgħa 5 t'Ottubru 2007, fl-4.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. *Audit* – Approvazzjoni tal-*Financial Statements* u Approvazzjoni tar-Risposta tal-*Management Letter* u Approvazzjoni ta' l-*Annual Budget*
6. *Tender – Cleaning & Upkeep Services* Diskussjoni u Approvazzjoni
7. Sejħa għall-Offerti – Ċentru Għall-Attivitajiet.
8. Librerija Pubblika
9. L-Impenn
10. Proġetti Proposti mill-M.L.P.
11. Affarijiet Oħra
12. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

9 ta' Novembru 2007

Ref Nru.Klg5/009

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/09 li saret il-Ġimgħa 5 t' Ottubru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-4.00 p.m.

Preżenti

Seba' membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joseph Camilleri, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Albert Rizzo flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.
Attenda għall-parti mill-laqgħa, l-*Accountant*, s-Sur Mario Magro Conti.

*Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-1t'Ottubru 2007.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-laqgħa urġenti Nru. Klg5/007 li saret il-Ġimgħa 31 t'Awissu 2007, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Paġna 3 it-tielet paragrafu - l-Kunsillier Joe Camilleri qal, li wara l-kelma 'konvenju' trid tiżdied il-frażi 'Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fil-*Letter of Acceptance* hemm imnizzel li dik isservi bħala *promise of sale*.

Paġna 4 ċ-*Chairman* ġibed l-attenzjoni li fl-aħħar paragrafu l-kelma '*overdose*' trid tinbidel u ssir '*overtones*'.

Għaldaqstant, il-minuti ġew emendati b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

Il-minuti kif emendati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

**1.2.** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/08 li saret it-Tnejn 3 ta' Settembru 2007, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri biex iressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li fir-*Request Sheets* li tressqu fil-laqgħa hawn fuq msemmija, jridu jitnaqqsu r-*Request Sheets* Nru: 254 – Lm40.80/€95.03 u Nru: 255 – Lm20.40/€47.52 li ma tħallsux u li qed jidhru fil-lista tar-*Request Sheets* tal-laqgħa tal-lum jiġifieri tal-5 t'Ottubru 2007, bin-Numri 261 u 262.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-minuti kif emendati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

2.1. Paġna Nru.6 para 3.7. il-Kunsillier Joe Camilleri nforma li x-xogħol preparatorju ta' regolamenti biex il-Kunsill jinforma lil kull min qed joħroġ kull tip ta' materjal biex jirregolizza l-pożizzjoni tiegħu skond l-avviż legali 119/2002, kienu lesti u bdew jitqassmu.

**2.2.** Paġna Nru.9 – *Tender Housing Estate*
Rigward is-suġġett hawn fuq msemmi, ċ-*Chairman* informa, li x-xogħol inbeda u kien fi stat avvanzat filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ma kien irċieva ebda lment.

**2.3.** Paġna Nru.10 – Sejħa għall-Offerti Ċentru Għall-Attivitajiet
Il-Kunsillier Albert Rizzo qal li rigward il-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar, kulħadd kien qed jgħid li l-*Gżira Lions Club* kien ser jinkera mill-Kunsill.

Iċ-*Chairman* qal, li hu kien tkellem ma' s-Sur Stivala iżda fl-ebda ħin qatt ma qallu li l-Kunsill ried jikri l-*Gżira Lions Club*. Huwa kompla jgħid, li l-Kunsill kien ser joħroġ Sejħa Għall-Offerti u jekk dan ikun l-aħjar post u l-Kunsill jaqbel, jiddeċiedi.

## 3. Korrispondenza

3.1. Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-5 t'Ottubru 2007 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

3.2. Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom.

3.3. Inqrat ittra li ntbagħtet mid-ditta GO datata 2 t'Ottubru 2007, rigward ħlas ta' l-ammont ta' Lm205.00/€477.52 fi żmien jumejn minn notifika ta' din l-ittra, ta' *manhole cover* li ġiet fornuta mill-Maltacom u li kienet insterqet. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li jirrikonferma d-deċiżjoni meħudha waqt il-laqgħa Klg5/003 li saret is-Sibt 30 ta' Ġunju 2007, jiġifieri li l-Kunsill ma kienx responsabbli għall-ispejjeż tal-*manhole cover*. Il-Kunsill qabel ukoll, li għandu jkun l-Avukat Woods li jirrispondi din l-ittra minħabba li kienet intbagħtet mill-Uffiċċju Legali tad-ditta GO.

3.4. Il-Kunsill ġie nfurmat, li l-*extension* mitluba kemm mill-kuntrattur PS Buhagiar kif ukoll, mill-propjetarju s-Sur Vince Fenech, ma ġietx milqugħa u għalhekk, skond deċiżjoni meħuda waqt il-laqgħa tal-Kunsill Klg5/003 li saret fit-30 ta' Ġunju 2007, il-permess kien validu sat-30 ta' Settembru 2007.

Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma, li dak in-nhar stess tal-laqgħa kien reġa' ċempel l-Avukat u nforma li l-kuntrattur kien ser jagħmel l-almu tiegħu biex ineħħi t-*tower crane* sat-Tnejn jew it-Tlieta 8/9 t'Ottubru 2007, jekk kemm -il darba l-Kunsill ma jkomplix jippersisti mal-Pulizija. Hu żied jgħid, li kien informa hekk lill-Avukat, għaliex il-Kunsill mhux ser jindaħal fl-operat tal-Pulizija.

3.5. Inqrat ittra mibgħuta mid-Direttur tad-ditta *Muscat General Stores* datata 12 ta' Settembru 2007, dwar talba għall-*loading/unloading bay* fi Triq San Albert bejn l-10.00 a.m. u l-12.00 p.m.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li joġġezzjona għal din it-talba minħabba l-fatt, li l-istess ditta diġa' għandha *loading/unloading bay* fi Triq Ganni Bencini kif ukoll, jitlob li jinqalgħu t-tabelli li l-istess ditta nstallat mingħajr permess tal-Kunsill fil-post ta' fejn tressqet it-talba.

3.6. Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Carmelo Ciantar datata 31 t'Awissu 2007, dwar talba ta' xi għajnuna għall-parti mill-ispejjeż involuti minnu sabiex jarma wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fi Triq ir-Rebħa.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri, li tingħata s-

somma ta' Lm50.00/€116.47 bħala parti mill-ispejjeż kontra riċevuta fiskali.

**3.7.** Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* mibgħuta mill-U.I.F. fi ħdan il-M.E.P.A., li l-proġett ta' l-*embellishment* tal-Ġnien kien ġie approvat u għalhekk, il-kuntratt kien ser jiġi ffirmat. Rigward l-approvazzjoni ta' l-*embellishment* tas-*Central Strip* fix-Xatt u l-*embellishment* fi Pjazza Gerry Zammit, kien għad jonqos l-aħħar informazzjoni mill-Perit tal-Kunsill. Fir-rispett ta' proġett ieħor fix-Xatt, il-Kunsill kien għaddej b'laqgħat ma' l-A.D.T. sabiex wara li jinġiebu l-approvazzjonijiet minn din l-Awtorita', ssir sottomissjoni lill-M.E.P.A.

**3.8.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Albert Rizzo, li jinxtara *software upgrade* sabiex ikun jista' jiġi nstallat il-*Euro Converter* għas-*Sage Pastel* għall-prezz ta' Lm75.27/€175.33 VAT inkluża mingħand id-ditta *Venture Trading*.

**3.9.** Tressqet *spreadsheet* rigward kwotazzjonijiet għal *rubber speed moderators* (ara *Appendix* 1).

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jinxtraw seba' *rubber speed moderators* għall-prezz ta' Lm1407.56/€3278.73 mid-ditta Uniking.

**3.10.** Tressqet ittra datata 2 t'Ottubru 2007, mibgħuta mis-Sur Richard Borg Ginger dwar ħlas tal-*Court fees & Expenses* relatati mal-kawża ta' 123 Triq Cameron Gżira, fejn fiha kien hemm, li la darba l-Kunsill iħallas dawn l-ispejjeż, li jeskludu l-ħlas ta' Lm354.00/€824.60 li ġie approvat waqt il-laqgħa Klg5/06 li saret fl-10 t'Awissu 2007, il-kawża tkun tista' tiġi rrtirata.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, li ċ-*Chairman* għandu jagħmel kuntatt dirett ma' l-Avukat Frank Cassar (l-Avukat tas-Sur Borg Ginger) sabiex jiġi vverifikat l-ammont qabel ma jsir il-ħlas.

**3.11.** Tressaq kont datat 2 t'Ottubru 2007, mibgħut mill-Avukat Woods għall-talba ta' ħlas għall-ammont dovut in konnessjoni mal-kawża fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili Nru: 1548/00JRM.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri biex isir il-ħlas dovut lill-Avukat tal-Kunsill Dott Edward Woods għall-ammont ta' Lm680.04/€1584.07.

**3.12.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Albert Rizzo li jitħallas l-ammont ta' Lm556.34/€1295.92 wara li tnaqqas *5% Contract Management fee* u *15% retention money* lid-ditta Sicilia Malta.

Il-Kunsill ġie nfurmat li kif ġie approvat waqt il-laqgħa ta' 10 t'Awissu 2007, skond ir-rata tat-*tender* fuq l-ammont, tingħata żieda ta' 7.5% *Fuel Surcharge*.

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li kienu għaddew sitt xhur mix-xogħol ta' *patching* li kien sar fi Triq Ponsonby u għalhekk, il-Kunsill irid jiddiskuti x'ser jagħmel dwar ir-*retention money*.

Il-Kunsillier Anthony Abela nforma, li minn *site-inspections* li saru mal-Perit, irriżulta li hemm partijiet partikularment lejn ix-Xatt fi Triq Ponsonby li jridu jerġgħu jsiru mill-ġdid minħabba li l-*patching* inqala' kif ukoll, hemm *areas* oħra fejn iridu jerġgħu jiġu ssiġilati t-trufijiet tal-*potholes*. Għalhekk, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela, li l-ewwel għandhom jiġu tranġati dawn ix-xogħlijiet u wara l-Kunsill jiddeċiedi dwar ir-*retention money*.

**3.13.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza hi disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 254 sa Nru. 308 (ara *Appendix* Nru.2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li s-Sur Joe Borg li jieħu ħsieb id-*Ducks Village* kien reġa' avviċina l-Kunsill sabiex la darba n-numru tal-papri kien qed jiżdied, il-Kunsill jerġa' jibda jħallas parti mill-ispejjeż jiġifieri, Lm20/€46.59 fix-xahar bħal ma kien jagħmel fil-passat.

**4.3.** Il-Viċi-Sindku nforma, li kien qed jipproponi li l-Kunsill jiffinanzja parti mill-proġett ta' l-Iskola Santa Monica li jsir ġnien bi tlett saffi fl-istess bini ta' l-Iskola li għalih jingħata aċċess lir-residenti b'appuntament sabiex iżuru dan il-ġnien kif ukoll, li għall-għajnuna finanzjarja li l-Kunsill jagħti, l-Iskola tagħti permess li fil-bini tagħha stess, il-Kunsill ikun jista' jorganizza xi attivitajiet. Jekk il-Kunsill jaqbel ma' din l-inizjattiva, li mill-i*sponsorship* ta' l-HSBC il-Kunsill jgħaddi Lm400/€931.75 bħala parti mill-ispiża globali ta' Lm2000/€4658.75 u anke taqbel l-HSBC, jiġi ffirmat kuntratt mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, ma' l-Iskola.

**4.4.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru.254 sa Nru.308 kif ukoll l-infieq hawn fuq msemmi, ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**5. *Audit* – Approvazzjoni tal-*Financial Statements*, Approvazzjoni tar-Risposta tal-*Management Letter* u Approvazzjoni ta' l-*Annual Budget***

**5.1.** Iċ-*Chairman* stieden lill-Viċi-Sindku sabiex jagħti *overview* dwar dan l-*item* fuq l-*Agenda*.

Il-Viċi-Sindku spjega, kif abażi ta' laqgħa li l-Kunsill kellu ma' n-*National Audit Office* li għaliha kien hemm preżenti wkoll l-Awditur maħtur mill-Gvern biex jagħmel l-*audit* tal-Kunsill, il-Kunsill ġie nfurmat li dan l-*audit* għandu jkun minflok l-*Internal Audit* li kien propost mill-Kunsill u għalhekk, l-Awditur Ġenerali qal li l-Awditur għandu jżomm kuntatt mal-Kunsill sabiex il-Kunsill matul il-proċess ta' l-*audit*, jibni kunfidenza mal-figuri qabel ma jiġu ffirmati l-*Financial Statements*. Madanakollu, matul il-proċess ta' l-*audit*, l-Awditur qatt ma għamel kuntatt mal-Kunsill u għalhekk hu, jiġifieri l-Viċi-Sindku, bħala delegat mis-Sindku, meta l-Awditur ċempel biex jinforma li l-*audit* kien lest u jistgħu jiġu ffirmati l-*Financial Statements*, xtaq jiltaqa' miegħu (mal-Viċi-Sindku) kif fil-fatt sar, fejn tah ir-raġunijiet għalfejn fil-maġġoranza ta' l-affarijiet li qalulu bihom qabel ma nbeda l-*audit* ma saritx referenza għalihom filwaqt li kien hemm każ minnhom li ġie nkluż fil-*Management Letter*.

Fattur ieħor kien, li l-*Management Letter* kienet datata 27 t'Awissu 2007, jiġifieri ntbagħtet fl-Uffiċċju ta' l-Awditur Nazzjonali qabel ma ntbagħtet permezz tal-*fax*, il-Kunsill. Dan iffisser li ma setax ikun hemm influwenzar mill-Kunsill kif ukoll, fl-opinjoni tiegħu, l-*Management Letter* ma kien fiha xejn ta' natura kontraversjali.

Il-Kunsillier Ian Micallef daħal għall-laqgħa fl-4.55 p.m.

Wara din l-ispjegazzjoni, ċ-*Chairman* fetaħ id-diskussjoni u qal lill-Kunsillieri li kien ser jagħtihom ħames minuti biex jagħmlu l-kummenti tagħhom.

Il-Viċi-Sindku qal, li filwaqt li fl-opinjoni tiegħu hemm punti mportanti li mhux msemmija fir-rapport iżda l-Awditur aċċertah li mhux fil-kompitu tiegħu li jidħol f'dawn l-areas, bħal fattur li jħoss li hemm ċertu nuqqasijiet fl-istruttura bħal bżonn ta' *field persons* biex jieħdu ħsieb ċertu *lacunae* fejn il-Kunsill jistenna li jiġi persuna biex jagħmel permess u għalhekk, dan jagħti lok t'abbuż partikularment is-Sibt meta l-Uffiċċju Amministrattiv ikun magħluq. Hu kompla jgħid, li mill-*Financial Statements* kienu ġibdu l-attenzjoni għall-fatt, li filwaqt li kien hemm żieda fl-infieq ta' l-*Operations and Maintenance* u l-*Administration*,  kien hemm tnaqqis fil-*General Income*.

Anke f'dan il-każ, l-Awditur assigurah li kien daħal fid-dettal tal-proċess u s-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermatu wkoll, li matul dan l-*audit*, l-Awditur daħal f'kull *transaction* u ma sab xejn tant, li ma tnizzel xejn fil-*Management Letter* u għalhekk, hu jaċċetta r-rapport ta' l-Awditur.

Il-Kunsillier Albert Rizzo qal, li abażi ta' dak li kien għadu kemm qal il-Viċi-Sindku jeħtieġ li jiżdied l-infurzar mill-Gwardjani Lokali partikularment is-Sibt.

Il-Viċi-Sindku wieġeb, li invista tal-fatt, li mill-esperjenza tiegħu, kull meta jduru fit-toroq dejjem isibu minn jaħdem mingħajr permess, kien qed jissuġġerixxi li għandu jkun hemm xi *middle person* bħal *Contracts Manager part-time*, biex jgħin l-amministrazzjoni kif ukoll, xi strutturi u mekkaniżmi oħra sabiex ikun hemm *checks and balances*.

Fuq dak li kien għadu kemm qal il-Viċi-Sindku, l-Kunsillier Ian Micallef qal li bla dubju ta' xejn din hi kwestjoni ta' infurzar u ħadd m'hu awtorizzat li jagħmel xogħol t'infurzar jekk mhux il-Gwardjan Lokali u l-Pulizija. B'referenza għall-kliem użat biex tgħin l-amministrazzjoni, hemm stabbilit diġa' b'kuntratt, l-Uffiċjal Awtorizzat u mhux li jiżdied piz fiananzjarju fuq il-Kunsill billi jiġi mpjegat persuna oħra. Hu kompla jgħid li hu fattur sodisfaċenti l-kumment tal-Viċi-Sindku li l-Awditur minkejja li daħal fid-dettal ma sab xejn ħażin għax dan juri li l-finanzi ġew amministrati b'mod tajjeb mill-Kunsill matul is-sena li għaddiet.

Filwaqt li hu jaqbel mal-*Management Letter*, ma kienx jaqbel mal-proċedura li ntużat waqt l-audit għaliex ma kienitx il-porċedura normali. Dan għaliex, il-Kunsillier Albert Rizzo minkejja li kien preżenti fil-Kunsill waqt li kienet għaddejja din il-laqgħa ma' l-Awditur tal-Gvern, ġie eskluż minnha u b'hekk ifisser li r-rappreżentant tal-minoranza ġie eskluż li jipparteċipa f'din il-laqgħa fejn matulha ġie diskuss x'inhu jew x'jistgħu jkunu l-aspettattivi finanzjarji tal-Kunsill preżenti, għaliex hekk biss ikun hemm trasparenza ma' xulxin u jista' jkun hemm fiduċja f'xulxin li ma kienx hemm intenzjonijiet oħra għala kienet qed issir dik il-laqgħa. Il-fatt li ntbagħtet *draft Management Letter* lill-Kunsill u invista tal-kummenti fil-laqgħa preċedenti, sakemm ma kienx hemm korrezzjonijiet għalihom, il-Kunsillier Ian Micallef sostna li għalkemm l-Awditur għamel xogħlu u għalqu u ma kienx ser ikun hu li japprezzah għaliex hu fid-dmir ta' l-Awditur Ġenerali li jagħmel dan, skond il-liġi, jħossu fid-dmir li jiġbed l-attenzjoni ta' l-N.A.O. tal-mod kif mexa l-proċess ta' l-*audit* għaliex l-Awditur ta' dan il-Kunsill naqas mill-mod ta' kif jimxi l-audit u għalhekk jitlob l-Awditur Ġenerali jinvestiga l-proċedura li ġiet użata mill-Awditur estern.

Iċ-*Chairman* kkummenta li hu kien Sindku ġdid u għalhekk, ma kienx preżenti matul is-sena finanzjarja li għaliha ried jiffirma l-*Financial Statements* u xtaq li jiġu kjarifikati xi *queries* li kellu għalkemm bl-ebda mod ma kien konvint li ser isib l-iżbalji. Għalhekk, intlaħaq ftehim ma' l-N.A.O.

fil-preżenza ta' l-Awditur estern maħtur mill-Awditur Ġenerali u tas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-mod kif ser jitmexxa l-*audit* u dan sabiex ikun ċert mija fil-mija minn dak li sab il-Kunsill.

Fir-rispett tal-punt, li l-Kunsillier Ian Micallef ried iressaq għall-investigazzjoni l-proċedura quddiem l-Awditur Ġenerali, hu ma jsib ebda oġġezzjoni iżda xtaq iressaq għall-approvazzjoni, l-finanzi tas-sena preċedenti biex ma jkunx hemm riperkussjonijiet fuq is-sena finanzjarja eżistenti. Bir-risposta li hu ħejja, jista' jserraħ rasu fuq is-sitwazzjoni li sab.

F'dan l-istadju l-Viċi-Sindku staqsa x'kien ġara daqshekk straordinarju?

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb li l-oġġezzjoni tiegħu kienet, li l-Kunsillieri tal-Partit Nazzjonalista ġew esklużi mill-*audit process* u kien hemm biss il-Kunsillieri Laburisti. Dan kien qed jgħidu, għaliex il-Kunsillier Albert Rizzo minkejja l-fatt li huma kienu jafu li kien qiegħed il-Kunsill waqt li kienet għaddejja l-laqgħa, kien tħalla barra minnha. Hu kompla jgħid, li ma kienx qed joġġezzjona fuq il-konklużjonijiet tal-*Manangement Letter* iżda kif kien qal aktar 'l fuq, il-fatt li l-Awditur indaga kollox kien għamel sew għaliex wara dan l-eżerċizzju ħareġ b'dawn il-punti li żgur m'humiex kontraversjali. Madanakollu, li kien qed jgħid kien biss li kien qed joġġezzjona dwar il-proċedura li ntużat waqt dan l-*audit* għaliex, seta' jiġri li l-Awditur b'xi mod jew ieħor seta' jiġi nfluenzat waqt il-laqgħat minħabba li ma kienx hemm preżenti l-grupp kollu.

Mill-ġdid il-Viċi-Sindku ta rendikont ta' kif ġraw il-fatti għall-benefiċċju tal-Kunsillier Ian Micallef minħabba li fl-introduzzjoni tiegħu, kien għadu ma daħalx għall-laqgħa u żied jgħid li l-laqgħa li kien qed jirreferri għaliha l-Kunsillier Ian Micallef ma kienitx pjanata u dan minħabba l-fatt li huma kienu qed jistennew lill-Awditur Peter DeGiorgio iżda minflok ġie l-*partner* tiegħu s-Sur Joe Scerri u wara li sar kuntatt mill-Kunsill ma' l-*N.A.O.* u dan l-uffiċċju għamel kuntatt mas-Sur Peter DeGiorgio, s-Sur Joe Scerri daħal ikellem lill-Kunsill fejn ġie mistoqsi jekk kienx infurmat bil-mistoqsijiet tal-Kunsill għal liema risposta, wieġeb fin-negattiv u għalhekk, reġa' ġie *briefed*. Hu kompla jgħid li ma jistax jifhem għala kien qed jinqala' dan kollu meta l-Kunsill wasal biex jikkonkludi l-proċess minkejja l-pressjonijiet kollha li kien hemm.

Il-Kunsillier Ian Micallef għamel *point of order* u rrefera għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tat-3 ta' Settembru 2007, fejn il-Viċi-Sindku qal, li kien sar kuntatt miegħu.

Il-Kunsillier Joe Camilleri nforma, li ħadd ma kien qed jagħti każ kien, li l-*Management Letter* intbagħtet lill-Awditur Ġenerali qabel ma ntbagħtet il-Kunsill u dan għaliex il-*Management Letter* kienet datata 27 t'Awissu 2007, filwaqt li l-Kunsill irċieviha bil-*fax* fit-3 ta' Settembru 2007.

Il-Viċi-Sindku qal, li jħossu mweġġa' għalkemm għandhom id-dritt li ssir investigazzjoni.

Intervjena ċ-*Chairman* u qal, li filwaqt li mhux ser joġġezzjona jekk issir investigazzjoni madanakollu, hu ta' diżappunt li kull darba li tinqala xi ħaġa, jiddaħħal il-ballun politiku fin-nofs u li mhux qed ikun hu li jagħmel dan għaliex, qatt ma daħħal il-politika minħabba li l-ewwel interess hu lejn il-lokalita' u l-Kunsill.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri rrimarka li l-punt tal-Kunsillier Ian Micallef kien, li Kunsillier f'isem il-Partit Nazzjonalista tħalla barra minn din il-laqgħa filwaqt li l-Kunsillier Albert Rizzo qal, li għal din il-laqgħa, huma kienu kollha preżenti.

Iċ-*Chairman* qal, li meta hu u l-Viċi-Sindku tkellmu mar-rappreżentant ta' l-N.A.O. u l-Awditur tal-Gvern Peter DeGiorgio, kienu preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u l-Uffiċjal Eżekuttiv Fabian Borg. Il-laqgħa li kien qed jirreferri għaliha l-Kunsillier Ian Micallef kienet biss laqgħa t'introduzzjonji ma' l-Awditur Joe Scerri u minħabba l-fatt li meta staqsewh dwar il-*briefing* u hu qal li ma kienx infurmat, reġgħu għaddewlu l-*queries* li tressqu fil-laqgħa ma' l-N.A.O.

Mill-ġdid il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu ried risposta bir-raġuni l-għala l-Kunsillier Albert Rizzo baqa' barra mill-laqgħa, mistoqsija li ħadd ma kien wieġeb.

Il-Viċi-Sindku qal, li t-tweġiba kienet minħabba l-fatt, li s-Sur Joe Scerri ma kienx *briefed* bil-*concerns* tal-Kunsill imressqa fil-laqgħa li kienet saret ma' l-N.A.O. u l-Awditur Peter De Giorgio.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li dak li kien qiegħed jgħid il-Viċi-Sindku, kien qiegħed aktar jikkonferma l-mistoqsija tiegħu li jekk kien hemm din l-irrelevanza kollha, għalfejn il-Kunsillier Albert Rizzo tħalla barra.

X'ħin il-Viċi-Sindku kien ser iwieġeb, invervjena l-Kunsillier Ian Micallef u qal, li l-mistoqsija tiegħu kienet għada ma ġietx imwieġba għaliex ma kienx hemm risposta għaliha.

Iċ-*Chairman* waqqaf lill-Kunsillier Ian Micallef u qallu li ma jippermettix kumment bħal dan għaliex filwaqt li kull Kunsillier għandu l-fakulta' li jressaq il-mistoqsijiet, irid jistenna risposta għalihom.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li l-kumment tiegħu kien li l-mistoqsija tiegħu ma ġietx imwieġba għaliex m'hemmx risposta.

Iċ-*Chairman* qal, li l-kumment tal-Kunsillier Ian Micallef kien juri nuqqas ta' rispett lejn sħabu l-Kunsillieri l-oħra u ta' nsinwazzjoni u talbu jissusstanza dak kollu li kien għadu kemm qal.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li hu staqsa diversi drabi din il-mistoqsija u ma kienx għadu ha risposta.

Mill-ġdid il-Viċi-Sindku, għamel referenza għall-fatt li l-laqgħa ma' l-Awditur Joe Scerri saret biss minħabba li Peter DeGiorgio ma kienx infurmah bil-punti diskussi fil-laqgħa li saret ma' l-N.A.O.

Minkejja dan, il-Kunsillier Ian Micallef reġa' staqsa għaliex il-Kunsillier Albert Rizzo tħalla barra mill-laqgħa u din saret bil-bieb magħluq.

Iċ-*Chairman* qal, li kien qed iħoss li l-Kunsillier Ian Micallef qed itellef il-ħin tal-Kunsill u ma kellux problema jivvota kontra l-*audit* iżda jmur jgħid man-nies tal-Gżira li minħabba l-Kunsillier Ian Micallef, ma ġiex approvat l-*audit* u wara jista' jġibu fuq il-Mument.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li f'dan l-istadju ċ-*Chairman* kien qed ikun disrispettuż u kien qed jimxi bl-arroganza kif ukoll, l-allegazzjonijiet ma kienux veritiera.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kunsillier Ian Micallef ried japprezza l-mod ta' kif kien qed jimxi dan il-Kunsill mill-Kunsill l-ieħor, fejn Kunsillieri fil-minoranza ma kienux jitħallew l-anqas jaraw il-korrispondenza.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li min qal hekk lill-Kunsillier Joe Camilleri, kien giddieb.

Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk kienx hemm xi żmien fil-Kunsill fejn Kunsillier ma kellux aċċess għall-korrispondenza li ma jkunx ra s-Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fl-affermattiv filwaqt li l-Kunsillier Albert Rizzo kkjarifika s-sitwazzjoni u mbidlet il-pożizzjoni meta l-Kunsill ġie nfurmat mill-*Ombudsman* kif ukoll, il-korrispondenza kienet dejjem disponibbli.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu ma setax jiffirma jekk xi ħadd irid jagħmel inkjesta.

Il-Kunsillier Ian Micallef wieġeb, li l-Viċi-Sindku ma kienx qed jifhem il-punt tiegħu għaliex hu ma kienx kontra l-eżitu ta' l-*audit* għaliex l-Awditur daħal fid-dettal u għalhekk m'għandux dubju fuq l-*audit*, iżda l-punt tiegħu kien kontra l-proċedura li ntużat u li l-Kunsillier Albert Rizzo kien ġie eskluż.

Kemm ċ-*Chairman*, il-Viċi-Sindku kif ukoll, il-Kunsillier Joe Camilleri qalu, li għall-kuntrarju li qal il-Kunsillier Ian Micallef, huma ma kienux kuntenti bl-eżitu ta' l-*audit* filwaqt li l-Viċi-Sindku żied jgħid li l-laqgħa kienet tal-mument u mpromptu u l-preżenza kienet abażi ta' din ir-raġuni. Filwaqt li l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri qalu li ma kienux preżenti fil-laqgħa, l-Kunsillier Albert Rizzo sostna li l-erbgħa li huma kienu preżenti fil-laqgħa.

Għall-kumment tal-Kunsillier Albert Rizzo, li l-Awditur kien indipendenti u fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, ċ-*Chairman* ikkonferma li staqsewh ruxmata ta' mistoqsijiet, ċ-*Chairman* wieġeb li l-Awditur hu ndipendenti iżda s-Sindku, għandu d-dritt jistaqsi dawk il-mistoqsijiet biex jiġu mwieġba u fl-ebda ħin ma qal, x'risposta għandu jingħata għall-mistoqsijiet tiegħu għaliex f'dak il-każ kien ikun proċess vizzjat.

Il-Kunsillier Albert Rizzo staqsa x'kien hemm ħażin li kieku dawn il-mistoqsijiet staqsihomlu fil-preżenza tiegħu.

Iċ-*Chairman* qal, għaliex kienet amministrazzjoni passata u għar-reazzjoni tal-Kunsillier Ian Micallef, ċ-*Chairman* qal, li l-Kunsillier Ian Micallef m'għandux għalfejn jagħmilha tal-qaddis għaliex il-Kunsillier Albert Rizzo kien jifforma parti mill-Amministrazzjoni preċedenti.

F'dan l-istadju, l-Kunsillier Ian Micallef beda jgħid liċ-*Chairman* biex jirtira dan il-kumment għaliex din kienet allegazzjoni u b'hekk kien qed jgħid li hu, jiġifieri l-Kunsillier Ian Micallef, kien maħmuġ.

Iċ-*Chairman* irtira l-kumment filwaqt li qal li l-Kunsillier Ian Micallef biex ma jgħollix leħnu u li ma kienx qed jakkużah li hu maħmuġ.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Kunsillier Ian Micallef kien qed ikun pastaż u tenniha diversi drabi.

Il-Viċi-Sindku qal, li la l-Kunsillier Ian Micallef ma kellu xejn kontra, kien qed jiddikjara li għall-ġid tal-Gżira u ta' dan il-Kunsill, għandhom jipproċedu bl-*accounts* biex ma tinżammx l-allokazzjoni.

F'dan l-istadju daħal l-*Accountant* Mario Magro Conti u għall-mistoqsija tal-Viċi-Sindku Dunstan Attard kemm jieħu żmien biex isir ix-xogħol ta' l-*accounts*, l-*Accountant* wieġeb li għalkemm hu ma jagħmilx *inputing* tad-*data*, madanakollu hemm *backlock* ta' sitt xhur li jieħu żmien konsiderevoli biex isir iżda, kien ser isir dak kollu neċessarju biex jitħaffef kemm jista' jkun.

Minkejja l-fatt, li ċ-*Chairman* talab lill-Kunsillier Ian Micallef biex jirtira l-kumment tiegħu li għall-mistoqsija li kien qed isaqsi ma kienx hemm risposta, din ma ġietx irtirata.

Il-Viċi-Sindku rrimarka li, l-istess Kunsillier lanqas kien irtira dak li qal fuq il-familja tiegħu waqt il-laqgħa tat-23 ta' Mejju 2007, aħseb u ara kemm kien ser jagħmel dak li kien għadu kemm talbu ċ-*Chairman*.

Il-Kunsillier Ian Micallef qal, li mhux hekk kien qal.

Il-Kunsillier Joe Camilleri staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv x'kien l-aktar importanti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li kollox kien importanti iżda l-prijorita' kienet il-*Financial Statements*.

Għaldaqstant, tressqet ir-risposta tal-*Management Letter* għall-approvazzjoni, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Ian Micallef (ara *Appendix* 3). Ir-riżultat tal-votazzjoni kien sitta favur li kienu ċ-*Chairman* Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard u l-Kunsillieri Anthony Abela, Malcolm Camilleri, Ian Micallef u Albert Rizzo filwaqt li l-Kunsillier Joe Camilleri astjena. Għalhekk, ir-risposta tal-*Management Letter* ġiet approvata

Il-Kunsill approva unanimament l-*Cash Budget* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri (ara *Appendix* 4).

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament mal-*Financial Statements* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri (ara *Appendix* 5).

## 6. *Tender – Cleaning & Upkeep Services* Diskussjoni u Approvazzjoni

6.1. Iċ-*Chairman* ta' rendikont tal-ftuħ dwar it-*tender* hawn fuq msemmija li kien sar il-Ħamis 4 t'Ottubru 2007. Erba' kienu t-*tenderers* li ssottomettew li kienu:

s-Sur Emanuel Mifsud
Department Għas-Servizzi ta' l-Indafa
s-Sur Stephen Rene Farrugia
s-Sur Christopher Bezzina

Huwa kompla jgħid, li t-*tender* kienet mifruxa fuq sitt offerti u kull *tenderer* seta' jissottometti jew offerta globali jew parti minnha. Il-Kunsill kien jaf lill-ewwel tlett *tenderers* minħabba l-fatt li Emanuel Mifsud kien il-kuntrattur attwali tal-ġbir ta' l-iskart fil-lokalita' u Stephen Rene Farrugia jgħinu fil-ġbir kif ukoll, id-Dipartiment għas-Servizzi ta' l-Indafa kien il-kuntrattur attwali tat-tindif tat-toroq fil-lokalita'. Rigward s-Sur Christopher Bezzina, l-Kunsill ikkuntattja dawk il-Kunsilli li jaħdem magħhom fosthom Qormi u l-Viċi-Sindku għamel *site-inspections* f'Ħal Qormi u Sta Venera.

Iċ-*Chairman* qal li fl-opinjoni tiegħu u skond il-kalkolazzjoni li huma kienu għamlu tal-*budget,* kienu ser ikunu *covered*. Għalhekk, kellhom jiddeċiedu min kien ser ikun il-*bidder* u jekk tittieħed deċiżjoni, kien qed jissuġġerixxi li dan jiġi kuntattat mill-Kumitat li tiegħu hu kien ser ikun iċ-*Chairman* u Kunsillier minn kull Partit Politiku bħala membru.

Matul id-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra ntqal li Chris Bezzina kien l-orħos pero' wieħed ried jistaqsih x'kien ser joffri u x'kien in-numru tas-siegħat ta' xogħol għall-prezz li kwota, ġie ssuġġerit ukoll, li jiġu preparati numru ta' mistoqsijiet u jiltaqgħu ma' l-erba' *tenderers* u kull laqgħa tkun bażata mhux fuq kwantita' iżda kwalita' u l-element kruċjali kien superviżjoni.

Għalhekk, ġie deċiż li jinħatar Kumitat bis-Sindku bħala *Chairman* u jekk dan ma jkunx jista jattendi, floku joqgħod il-Viċi-Sindku u żewġ Kunsillieri li kienu Anthony Abela u Malcolm Camilleri. L-ewwel laqgħa kellha tiġi ffissata t-Tnejn 8 t'Ottubru 2007 fil-11.00 a.m. u l-Kunsill ikompli jiltaqa' mas-sottomettenti skond ir-*ranking* li qabel fuqu jiġifieri

a. l-offerti minn Nru. 1 sa Nru.4

  i. Christopher Bezzina
  ii. Departiment Għas-Servizzi ta' l-Indafa
  iii Stephen Rene Farrugia

b. l-offerti minn Nru. 5 u 6

  i. Emanuel Mifsud
  ii Christopher Bezzina
  iii Dipartiment Għas-Servizzi ta' l-Indafa

## 7. Sejħa Għall-Offerti – Ċentru Għall-Attivitajiet

**7.1.** Iċ-*Chairman* ppreżenta kopja tat-*tender document* li kien ġie mħejji mill-Perit tal-Kunsill sabiex ikun jista jiġi ppubblikat u qara l-i*specific conditions* li jinsabu f'paġna 22 u 23 rispettivament.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li dan it-*tender* jiġi ppubblikat għall-perjodu ta' *twenty eight working days* għall-prezz ta' Lm25/€58.23 għal kull dokument li jinġabar u jidhru r-reklami fil-gazzetta tal-Gvern kif ukoll fil-ġurnali ta' kuljum jiġifieri, Times, Independent, Orizzont u Nazzjon.

## 8. Librerija Pubblika

**8.1.** Iċ-*Chairman* stieden lill-Viċi-Sindku jressaq il-kummenti tiegħu.

Il-Viċi-Sindku qal li kienu qed jersqu viċin lejn ftehim li ssir grada minn Misraħ Turu Colombo biex ikun hemm aċċess indipendenti għall-Librerija Pubblika u għalhekk, kien ser jerġa' jiltaqa' mad-Direttur tal-Libreriji, s-Sur Philip Borg u l-Kapijiet ta' l-Iskejjel Primarja u Sekondarja.
Invista ta' dan kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġu allokati Lm1000.00/€2329.37 għax-xiri ta' kotba liema nfieq għandu jsir biss jekk ikun hemm qbil unanimu bejn il-membri tas-Sotto-Kumitat responsabbli minn din il-materja.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament ma' dak li qal il-Viċi-Sindku u nefqa hawn fuq msemmija b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri.

## 9. L-Impenn

**9.1.** Iċ-*Chairman* informa li la darba kien qed joqrob iż-żmien li tiġi ppubblikata l-ewwel ħarġa ta' dan il-Kunsill ppreżenta kopja tal-*layout* tagħha u qal li kull Kunsillier ser ikollu spazju ta' kitba ta' mhux aktar minn mitejn kelma filwaqt li hu u l-Viċi-Sindku ser ikollhom artiklu ta' erba' mitt kelma.
Għaldaqstant, kien qed jitlob lil kull Kunsillier sabiex sal-Ġimgħa 12 t'Ottubru 2007 jissottomettu l-artiklu tagħhom flimkien ma' ritratt.

Il-Kunsillieri Nazzjonalisti talbu biex flok tlett artikli, jinkiteb wieħed ta' sitt mitt kelma f'isimhom it-tlieta.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

Iċ-*Chairman* informa wkoll, li f'ħarġiet oħra, l-gazzetta mhux ser tkun dedikata biss għall-kitba mill-Kunsillieri iżda ser jiġu mistiedna nies mill-lokalita' u rappreżentanti ta' l-Għaqdiet Lokali sabiex jagħmlu artiklu fil-gazzetta.

## 10. Proġetti Proposti mill-M.L.P.

